Maltese | Malti

Australian Government
Aged Care Quality and Safety Commission

Engage
*Empower*
**Safeguard**

# Int għandek id-dritt għal kura tal-anzjani tal-kwalità u sigurtà



## L-Att il-ġdid tal-Kura tal-Anzjani jpoġġi d-drittijiet tal-persuni akbar fl-età fl-ewwel post. Tinkludi Stejtment tad-Drittijiet għall-persuni akbar fl-età. Dawn il-bidliet bdew mill-1 ta' Novembru 2025.

L-iStejtment tad-Drittijiet jgħin biex jiżgura li int tinsab fiċ-ċentru tal-kura tiegħek tal-anzjani. Tinkludu d-dritt li tara l-kultura u l-identità tiegħek ikunu rrispettati u li żżomm kuntatt mal-komunità tiegħek.

Int għandek id-dritt li tħossok sigur u rrispettat, u tkun stmat bid-dinjità u r-rispett mill-persuni li qed jieħdu ħsiebek.

Dan jinkludi d-dritt li taċċessa servizzi ffinanzjati tal-kura tal-anzjani li:

- japprezzaw u jissapportjaw l-identità, il-kultura u l-isfond tiegħek
- jirrispettaw l-esperjenza tiegħek, inkluż kwalunkwe trawma
- huma aċċessibbli u jissodisfaw id-drittijiet tiegħek
- huma ħielsa mill-vjolenza, abbuż u traskuraġni.

**Ikseb aktar tagħrif** dwar l-iStejtment tad-Drittijiet fuq il-websajt tagħna

## Kif tiżgura li d-drittijiet tiegħek ikunu rrispettati

Il-provveditur tiegħek irid jifhem u jsegwi l-iStejtment tad-Drittijiet. Jekk ma jagħmlux dan, int tista' tqajjem it-tħassib jew l-ilment tiegħek magħhom. Dan hu ta' spiss l-aktar mod faċli u ta' malajr biex issolvi l-affarijiet.

Int tista' tqajjem it-tħassib jew l-ilment tiegħek mal-Complaints Commissioner (Kummissarju tal-Ilmenti):

- **1800 951 822** mid-9am sal-5pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa
- Aged Care Quality and Safety Commission, GPO Box 9819, fil-belt kapitali tiegħek
- onlajn f'www.agedcarequality.gov.au
- info@agedcarequality.gov.au

Jekk għandek bżonn interpretu, ċemplilna fuq **1800 951 822** u itlobna nqabbdu wieħed minnhom. Int tista' wkoll iċċempel lil Translating and Interpreting Service (TIS) (Servizz tat-Traduzzjoni u l-Interpretar) – **131 450** u itlobhom iċemplulna għan-nom tiegħek.

Jekk għandek bżonn l-għajnuna biex tagħmel ilment jew biex tikseb tagħrif, ikkuntattja lil Older Persons Advocacy Network (OPAN) (in-Netwerk tal-Avukatura tal-Persuni akbar fl-Età) għal sapport bla ħlas, indipendenti u kunfidenzjali. Ċempel lil Aged Care Advocacy Line (Linja Telefonika tal-Avukatura tal-Kura tal-Anzjani) fuq **1800 700 600**.